

Brussell, 2 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6879/26

DELECT 41
PECHE 74

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1240 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'27.2.2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-istabbiliment ta' miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (<i>Phocoena phocoena</i>) fil-Baħar Baltiku

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 1240 final.

Mehmuż: C(2026) 1240 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2026
C(2026) 1240 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'27.2.2026

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-istabbiliment ta' miżuri biex
tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-
popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fil-
Baħar Baltiku**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (UE) 2019/1241¹ jipprevedi li l-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu, fost l-oħrajn, biex jintlaħaq l-objettiv li jiżguraw li l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet tal-baħar sensitivi, inklużi dawk elenkati fid-Direttivi 92/43/KEE² u 2009/147/KE³, li jirriżultaw mis-sajd, jitnaqqsu kemm jista' jkun u, fejn possibbli, jiġu eliminati sabiex ma jikkonstitwixxux theddida għall-istat ta' konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet.

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tqis l-ispeċifitàjiet reġjonali tas-sajd rilevanti, billi temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi, f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dak ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013⁴.

L-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi miżuri tekniċi fil-livell reġjonali għall-ispeċijiet sensitivi inkluż iċ-ċetaċji, billi jingħataw dettalji dwar iż-żoni ristretti, il-perjodi u l-limitazzjonijiet tal-irkaptu. Il-punt 4 ta' dak l-Anness jirrikjedi li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jivvalutaw l-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni skont dak l-Anness.

Id-denfil iswed (*Phocoena phocoena*) huwa speċi strettament protetta skont l-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE, li telenka iċ-ċetaċji kollha bħala speċi ta' interess tal-Unjoni li teħtieġ protezzjoni stretta, u hija elenkata fl-Anness II ta' dik id-Direttiva bħala speċi ta' interess tal-Unjoni li l-konservazzjoni tagħha teħtieġ id-deżinjazzjoni ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni.

Skont il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES, International Council for the Exploration of the Sea), id-denfil iswed huwa l-unika speċi ta' ċetaċji residenti fil-Baħar Baltiku, b'żewġ popolazzjonijiet distinti: il-popolazzjoni tal-Baltiku Ċentrali u l-popolazzjoni tal-Baħar Belt. Il-popolazzjoni tal-Baltiku Ċentrali tibqa' kkatégorizzata bħala "f'periklu kritiku" fil-lista l-ħamra tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN, International Union for Conservation of Nature) u hija stmata li tikkonsisti f'inqas minn 500 individwu. Il-popolazzjoni tal-Baħar Belt għandha abbondanza oġġla, stmata għal aktar minn 14 000 individwu. Iż-żewġ popolazzjonijiet jikkoinċidu fil-Punent tal-Baħar

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

³ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj>).

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj>).

Baltiku primarjament matul ix-xitwa, filwaqt li hemm separazzjoni spazjali ċara bejn iż-żewġ popolazzjonijiet matul il-perjodu ta' riproduzzjoni fis-sajf⁵.

Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/303⁶ li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fil-Baħar Baltiku.

Kif ġie rifless fil-premessa 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/303, l-Istati Membri impenjaw ruħhom fir-rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata f'Diċembru 2020 li jaqblu dwar miżuri ta' kontroll aktar dettaljati marbuta mal-kontroll tal-miżuri ta' mitigazzjoni adottati b'dak ir-Regolament.

Fid-29 ta' April 2022, il-BALTFISH talab lill-Grupp ta' Esperti ta' Kontroll tal-BALTFISH biex jipproponi miżuri ta' kontroll biex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet u l-oqsma koperti mir-Regolament (UE) 2022/303. Il-Grupp ta' Esperti ta' Kontroll ingħata l-kompitu li jipproponi miżuri ta' kontroll li tal-inqas ikollhom jiddefinixxu l-mezzi biex jiġu ddeterminati l-pożizzjoni tal-bastiment u l-frekwenza minima tas-sinjali biex jiġi żgurat il-forniment tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastiment bi preċizzjoni rilevanti.

Il-Grupp ta' Esperti ta' Kontroll iltaqa' fil-15 ta' Ġunju u fl-31 ta' Awwissu 2022 biex jindirizza t-talba rċevuta mill-BALTFISH. Il-Grupp ta' Esperti ta' Kontroll ressaq rakkomandazzjoni finali lill-Grupp ta' Livell Għoli fl-21 ta' Ġunju 2023.

Abbażi ta' dan, fis-27 ta' Ġunju 2023, il-BALTFISH ressaq rakkomandazzjoni konġunta għal miżuri ta' kontroll aktar dettaljati marbuta mal-kontroll tal-miżuri ta' mitigazzjoni adottati mir-Regolament Delegat (UE) 2022/303.

Il-miżuri proposti jinvolvu ż-żieda tat-trażmissjoni tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti għal 10 minuti u l-kontroll tal-bastimenti kollha preżenti fiż-żoni elenkati fl-Anness XIII, il-Parti A, il-punti 3.1 sa 3.4, tar-Regolament (UE) 2019/1241, meta japplikaw restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq is-sajd bix-xbieki statiċi.

Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF, Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries) ivvaluta b'mod pożittiv ir-rakkomandazzjonijiet konġunti preċedenti li kienu jinkludu l-istess miżuri ta' kontroll għas-siti ta' Natura 2000^{7,8}, u kkonkluda li, jekk jiġu implimentati kif maħsub, dawn il-miżuri ta' kontroll jidhru xierqa għall-monitoraġġ effettiv fuq il-baħar tas-siti ta' Natura 2000. F'valutazzjonijiet preċedenti, l-STECF kien irrakkomanda l-iżvilupp ta' miżuri speċifiċi ta' kontroll għal dawn is-siti

⁵ ICES (2024). EU request on support for the implementation of the Action Plan – harbour porpoise in the Baltic Sea (Baltic Proper). Replaced. ICES Advice: Special Requests. Report. <https://doi.org/10.17895/ices.advice.27967035.v3>.

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/303 tal-15 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fil-Baħar Baltiku (ĠU L 46, 25.2.2022, p. 67, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/303/oj).

⁷ Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF) – 71st Plenary report (STECF-PLN-22-03). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023, doi:10.2760/016673, JRC132078.

⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Kongunt tar-Ricerka: Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries 77th plenary report (STECF-PLN-24-03), Nord, J. and Doerner, H. editor(s). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea il-Lussemburgu, 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/2392535>, JRC140580.

speċifiċi, minħabba d-daqs normalment żgħir tagħhom u r-riskju li s-sajd jista' jsir mingħajr ma jiġi identifikat^{9,10}.

Fl-2025, l-ICES identifika l-għeżula u l-pariti (xbieki statiċi) bħala l-irkapti li għandhom l-ogħla riskju ta' qabdiet inċidentali tad-denfil iswed¹¹ u tenna l-ħtieġa li jittejjeb il-monitoraġġ tad-data dwar il-popolazzjoni u l-isforz tas-sajd.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fl-24 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar Baltiku (BSAC, Baltic Sea Advisory Council) ħareġ opinjoni dwar ir-rakkomandazzjoni konġunta tal-BALTFISH marbuta mal-miżuri ta' kontroll rakkomandati.

Il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sajd u l-Akkwakultura ġie kkonsultat permezz ta' proċedura bil-miktub f'Diċembru 2025.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Sommarju tal-azzjoni

L-att delegat jissupplimenta l-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Anness XIII, il-Parti A, il-punt 3, tar-Regolament (UE) 2019/1241 billi jżid miżuri ta' kontroll aktar dettaljati għall-monitoraġġ tal-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni.

Bażi legali

L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241.

⁹ Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF) – 55th Plenary Meeting Report (PLEN-17-02). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. EUR 28359. EN; doi:10.2760/53335.

¹⁰ Review of Joint Recommendations for Natura 2000 sites at Dogger Bank, Cleaver, Bank, Frisian Front and Central Oyster grounds (STECF-19-04). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2019, ISBN 978-92-76-11227-3, doi:10.2760/422631, JRC117963.

¹¹ ICES (2025). EU request on support for the implementation of the Action Plan for harbour porpoise in the Baltic Sea (Baltic Proper). Replacing advice provided in December 2024. ICES Advice: Special Requests. Report. <https://doi.org/10.17895/ices.advice.28616360.v1>.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'27.2.2026

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-istabbiliment ta' miżuri biex tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fil-Baħar Baltiku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-denfil iswed (*Phocoena phocoena*) huwa speċi strettament protetta skont l-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE², li telenka ċ-ċetaċji kollha bħala speċi ta' interess tal-Unjoni li teħtieġ protezzjoni stretta, u hija elenkata fl-Anness II ta' dik id-Direttiva bħala speċi ta' interess Komunitarju li l-konservazzjoni tagħha teħtieġ id-deżinjazzjoni ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni.
- (2) Skont il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES, International Council for the Exploration of the Sea), id-denfil iswed huwa l-unika speċi ta' ċetaċji residenti fil-Baħar Baltiku, b'żewġ popolazzjonijiet distinti: il-popolazzjoni tal-Baltiku Ċentrali u l-popolazzjoni tal-Baħar Belt. Il-popolazzjoni tal-Baltiku Ċentrali tibqa' kkategorizzata bħala "f'periklu kritiku" fil-lista l-ħamra tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN, International Union for Conservation of Nature) u hija stmata li tikkonsisti f'inqas minn 500 individwu³.
- (3) Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/303⁴ li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward

¹ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1241/oj>.

² Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

³ ICES. 2024. EU request on support for the implementation of the Action Plan for harbour porpoise in the Baltic Sea (Baltic Proper). Fir-rapport tal-Kunsill Konsultattiv tal-ICES, 2024. ICES Advice 2024, sr.2024.20. <https://doi.org/10.17895/ices.advice.27967035>.

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/303 tal-15 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 fir-rigward tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fil-Baħar Baltiku (ĠU L 46, 25.2.2022, p. 67, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/303/oj).

tal-miżuri biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tal-popolazzjoni residenti tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali (*Phocoena phocoena*) fil-Baħar Baltiku.

- (4) Kif ġie rifless fil-premessa 18 tar-Regolament (UE) 2022/303, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jaqblu dwar miżuri ta' kontroll aktar dettaljati marbuta mal-kontroll tal-miżuri ta' mitigazzjoni adottati bir-Regolament Delegat (UE) 2022/303.
- (5) L-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi r-regoli fil-livell reġjonali fir-rigward tal-miżuri ta' mitigazzjoni biex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensitivi inkluż iċ-ċetaċċi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jivvalutaw l-effettività tal-miżuri ta' mitigazzjoni stabbiliti skont l-Anness XIII.
- (6) Fid-29 ta' April 2022, l-Istati Membri tal-Baħar Baltiku – jiġifieri d-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Iżvezja (“BALTFISH”) – talbu lill-Grupp ta' Esperti dwar il-Kontroll tal-BALTFISH (CEG, Control Expert Group) biex jipproponi tali miżuri ta' kontroll aktar dettaljati. F'Awwissu 2022, is-CEG qies li l-miżuri ta' kontroll eżistenti kienu biżżejjed għal dawk iż-żoni fejn l-apparati akustiċi deterrenti kienu obligatorji. Għaż-żoni fejn japplika l-għeluq spazjali-temporali, is-CEG irrakkomanda miżuri speċifiċi.
- (7) Fis-27 ta' Ġunju 2023, u abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tas-CEG, il-BALTFISH ippreżenta rakkomandazzjoni konġunta għal tali miżuri ta' kontroll aktar dettaljati. Il-BALTFISH qies li l-miżuri ta' kontroll proposti, flimkien mal-miżuri ta' kontroll eżistenti, ikunu jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/303. Il-miżuri proposti jinvolvu ż-żieda tat-trażmissjoni tad-data dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti għal 10 minuti u l-kontroll tal-bastimenti kollha preżenti fiż-żoni elenkati fl-Anness XIII, il-Parti A, il-punti 3.1 sa 3.4 tar-Regolament (UE) 2019/1241, meta japplikaw restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq is-sajd bix-xbieki statiċi.
- (8) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF, Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries) iġvaluta b'mod pożittiv ir-rakkomandazzjonijiet konġunti preċedenti li kienu jinkludu l-istess miżuri ta' kontroll għas-siti ta' Natura 2000^{5,6}, u kkonkluda li, jekk jiġu implimentati kif maħsub, dawn il-miżuri ta' kontroll jidhru xierqa għall-monitoraġġ effettiv fuq il-baħar tas-siti ta' Natura 2000. F'valutazzjonijiet preċedenti, l-STECF kien irrakkomanda l-iżvilupp ta' miżuri speċifiċi ta' kontroll għal dawn is-siti speċifiċi, minħabba d-daqs normalment żgħir tagħhom u r-riskju li s-sajd jista' jsir mingħajr ma jiġi identifikat^{7,8}.

⁵ Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF) – 71st Plenary report (STECF-PLN-22-03). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023, doi:10.2760/016673, JRC132078.

⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Kongunt tar-Riċerka: Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries 77th plenary report (STECF-PLN-24-03), Nord, J. and Doerner, H. editor(s). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea il-Lussemburgu, 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/2392535>, JRC140580.

⁷ Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries (STECF) – 55th Plenary Meeting Report (PLN-17-02). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. EUR 28359. EN; doi:10.2760/53335.

⁸ Review of Joint Recommendations for Natura 2000 sites at Dogger Bank, Cleaver, Bank, Frisian Front and Central Oyster grounds (STECF-19-04). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2019, ISBN 978-92-76-11227-3, doi:10.2760/422631, JRC117963.

- (9) Barra minn hekk, il-ħtieġa ta' dawk il-miżuri ġiet riflessa reċentement fil-Parir tal-ICES tal-2025⁹, li fih l-ICES identifika l-għeżula u l-pariti (xbieki statiċi) bħala l-irkapti li għandhom l-ogħla riskju ta' qabdiet inċidentali tad-denfil iswed u tenna l-ħtieġa li jittejjeb il-monitoraġġ tad-data dwar il-popolazzjoni u l-isforz tas-sajd.
- (10) Il-miżuri ta' kontroll proposti: (i) japplikaw fil-livell reġjonali; (ii) huma intrinsikament marbuta mal-miżuri ta' mitigazzjoni adottati skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/303; (iii) huma meħtieġa għall-monitoraġġ tal-effettività tagħhom, f'konformità mal-punt 4 tal-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241; u, għalhekk, (iv) jikkontribwixxu għall-oġġettiv li jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali tad-denfil iswed tal-Baltiku Ċentrali.
- (11) Għalhekk huwa xieraq li l-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Anness XIII, il-Parti A, il-punt 3 tar-Regolament (UE) 2019/1241 jiġu ssupplimentati.
- (12) Sabiex l-operaturi jingħataw biżżejjed ħin biex jgħammru l-bastimenti tagħhom bl-apparati ta' trażmissjoni xierqa, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-punt 3.5 fl-Anness tiġi differita bi 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ.
- (13) Il-punt 3.5(a) fl-Anness għandu japplika sal-10 ta' Jannar 2028, meta jibdew japplikaw ir-regoli l-ġodda dwar is-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-miżuri fil-punt 3.5 tal-Anness għandhom japplikaw minn [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet irid idaħħal id-data billi jgħodd 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ*].

Il-miżuri tal-punt 3.5 tal-Anness għandhom jiskadu fl-10 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27.2.2026

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*

⁹ ICES (2025). EU request on support for the implementation of the Action Plan for harbour porpoise in the Baltic Sea (Baltic Proper). Replacing advice provided in December 2024. ICES Advice: Special Requests. Report. <https://doi.org/10.17895/ices.advice.28616360.v1>.